*- KOLLIZZJONI-*

*- STOP SIGN - RIGHT OF WAY-*

*- SUDDEN EMERGENCY- - AGONY OF COLLISSION- EVASIVE ACTION-*

*- KAWZA PROSSIMA TAL-INCIDENT -*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' April 2001.

**Kawza Numru. 11**
**Citaz. Numru. 694/97/RCP.**

**Avra Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union Fire Insurance Society (Gibraltar) Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghhom P. Cutajar & Co. Ltd. abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess P. Cutajar & Co. Ltd. u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 1998 l-Qorti awtorizzat lis-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited tassumi l-atti**

**tal-kawza ghan-nom tas-socjeta' estera imsemmija u ordnat li s-socjeta' Avra Insurance Agency Limited tigi estromessa mill-kawza.**

**vs**

**Joseph Gatt.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici fejn gie premess:

Illi waqt li Emanuel Montanaro kien qieghed isuq il-vettura Kia Pride numru A - 0356, f'St. Anthony Street, Zabbar fis-17 ta' Jannar 1997 fl-10,30 ta' fil-ghodu, huwa safa involut f'incident awtomibilistiku mal-vettura tal-marka Mazda bin-numru E - 7913 li kienet misjuqa mill-konvenut Joseph Gatt, peress illi meta l-konvenut wasal sabiex jipprocedi ghall-gewwa t-triq principali, u cioe' St. Anthony Street, huwa ma waqafx u accerta ruhu li setgha jipprocedi, u b'hekk baqa' diehel gol-vettura tal-attur; u li b'risultat ta' dan l-incident is-socjeta' P. Cutajar & Co. Ltd. soffriet danni ammontanti ghal Lm1,908.00, oltre Lm5.00 *survey report*, Lm20.00 ghat-*towing* tal-vettura,

Lm3.45 ghall-*police report* u Lm118.25 bhala '*loss of use";* u illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja, negligenza non-curanza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu; u illi l-attur nomine abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni li ghandu mal-assigurat tieghu ikkompensah tad-danni sofferi minnu u ghalhekk huwa surrogat fid-drittijiet tieghu abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi; u li meta l-konvenut gie mitlub jikkompensa lill-atturi dan ma ghamel assolutament xejn u qieghed jirrifjuta li jaccetta ir-responsabilita' ghall-istess.

Illi ghalhekk l-istess attur fil-kwalita tieghu premessa talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara illi din il-kollizzjoni grat b'tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, traskuragini, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut; u

(2) Tillikwida id-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' elfejn, u erbgha u hamsin lira u sebghin centezmu (Lm2,054.70) jew somma verjuri, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

(3) Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur nomine s-somma hawn fuq indikata jew somma verjuri li tigi hekk likwidata in linea ta' danni,

kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult ammontanti ghall Lm15, tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-presenti kontra s-socjeta' assiguratrici tal-konvenut u dawk tal-ittra legali kontra l-konvenut tat-3 ta' Marzu 1997 li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess attur nomine a fol. 3 tal-process.

Rat l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici a fol. 4 sa 6 tal-process.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 11 tal-process fejn ecceppixxa:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragini, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Emmanuel Montanaro illi kien qed isuq il-vettura in kwistjoni fil-hin ta' l-incident.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazjoni tal-konvenut a fol. 12 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta' April 1998, 18 ta' Novembru 1998, 11 ta' Dicembru 1998, 7 ta' Mejju 1999, 21 ta' Jannar 2000, 22 ta' Mejju 2000 quddiem il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti nkluzi dawk tal-10 ta' Ottubru 2000 fejn il-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-17 ta' Jannar 2001, u tas-17 ta' Jannar 2001 fejn xehed Lino Portelli, u l-kawza regghet thalliet ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-partijiet ghat-22 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2001, fejn id-difensuri tal-partijiet qabblu li qed issir kontestazzjoni biss fuq il-kwistjoni tar-responsabilita' tal-incident, u jaqblu li ma hemmx bzonn tigi esebita is-surroga, pero' jaqblu li saret surroga, u Dr. Depasquale ghall-attur iddikjara li ma ghandux provi izjed, u xehed il-konvenut.

Rat ix-xhieda ta' Anthony Savona tal-21 ta' Jannar 2000 (fol.28), ta' Lino Portanier tas-17 ta' Jannar 2001 (fol.48), ta' Emanuel Montanaro tat-22 ta' Marzu 2001 (fol.65), u tal-konvenut Joseph Gatt tat-22 ta' Marzu 2001 u l-provi l-ohra kollha inkluzi dawk dokumentarji prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza tikkoncerna incident li gara f'St. Anthony Street Zabbar fid-data tas-17 ta' Jannar 1997 fl-10.30. a.m. bejn karozza Reg. No. A - 0356 misjuqa minn Emmanuel Montanaro u l-vettura Reg. No. E - 7913 misjuqa mill-konvenut.

Illi d-dinamika tal-incident hija wahda pjuttost cara u jirrizulta li l-konvenut kien hiereg minn fuq *"stop sign"* f'St' Joseph Street, Zabbar, huwa habat mal-vettura misjuqa minn Emmanuel Montanaro li kienet ghaddejja minn St. Anthony Street. Zabbar.

Illi ma hemm l-ebda dubju li la l-istess konvenut kien qieghed hiereg minn fuq *"stop sign"* huwa *kellu* l-obbligu li jieqaf jesplora sewwa it-triq u ma jibdiex jaqsam l-istess triq qabel ma jkun cert li huwa ma kien ser ikun ta' ebda ostakolu lill-utenti l-ohra tal-istess triq.

Illi dan jidher li l-istess konvenut ma ghamlux, stante li kieku dan ghamlu ma kienitx issir il-kollizzjoni; illi huwa veru li l-istess konvenut sostna li dan ghamlu

pero' l-attur kien ghaddej bi *speed* eccessiv, izda fil-kuntest tal-kwistjoni odjerna, din il-Qorti thoss li wara li jigu kkunsidrati c-cirkostanzi kollha tal-kaz in ezami, jirrizulta li dak li huwa relevanti ghall-kwistjoni odjerna dwar ir-responsabilita' tal-incident huwa li jigi stabbilit x'kienet il-kawza prossima tal-incident, u jidher li l-kawza prossima tal-incident kien bla dubju ta' xejn l-hrug negligenti tal-konvenut minn St. Joseph Street ghal fuq St. Anthony Street, li ghamel minghajr ma esplora sewwa it-triq, u minghajr ma waqaf qabel ma esplora l-istess triq.

Illi dan huwa iktar gravi ghall-konvenut meta kellu indikazzjoni cara li kellu jieqaf f'St' Joseph Street, minhabba l-istess *"stop sign",* u wkoll minhabba li jidher li l-intenzjoni tal-istess konvenut kien li jittraversa l-istess St. Anthony Street, biex imur fit-triq tal-faccata, li tidher mir-ritratti esebiti pero' li sfortunament ma gietx indikata fl-iskizz tal-pulizija esebit fil-process.

Illi l-asserzjoni tal-konvenut li huwa ma setghax jara peress li qabel il-punt fejn sar l-incident u minn fejn kien gej is-sewwieq Emmanuel Montanaro hemm liewja, ma huwiex kredibbli u lanqas verosimili, stante li jidher u irrizulta wkoll mill-istess xhieda, li l-konvenut kellu vizzwali ghal go St. Anthony altru minn sufficjenti sabiex jirregola is-sewqan u alimament il-hrug tieghu fuq St. Anthony Street, li l-utenti taghha certament ghandhom d-dritta fuq l-utenti l-ohra ta' St. Joseph

Street. Illi anke kieku kien hemm dan l-ostakolu, ghall-grazzja tal-argument jinghad ukoll, li dan jimponi obbligu ikbar fuq l-istess konvenut li johrog minn St. Joseph Street biss b'aktar attenzjoni u minghajr ma johloq perikolu lis-sewwieqa ta' St. Anthony Street, li certament l-konvenut dan ma ghamlux.

Illi dwar l-allegat *speed* li bih kien ghaddej Emmanuel Montanaro dan ma jirrizultax li kien eccessiv, ghalkemm id-daqqa fuq il-karozzi kienet serja hafna tant li l-vettura assigurata mis-socjeta' attrici spiccat *total loss,* pero' anke kieku kien jezisti element ta' *speed* eccessiv fil-konfront tas-sewwieq tal-karozza assigurata mis-socjeta' attrici, xorta jibqa' l-fatt li dan is-sewqan tal-istess Emmanuel Montanaro ma kienx il-kawza prossima tal-istess incident, u f'dan, din il-Qorti hija aktar minn moralment konvinta, aktar u aktar meta kellha l-opportunita' li tisma' liz-zewg sewwieqa jixdhu quddiema *viva voce.*

Illi dan ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti, kieku l-konvenut ma harigx minn fuq l-*istop sign* f'St. Joseph Street ghal fuq St. Anthony Street, minghajr ma esplora sewwa St. Anthony Street, dan l-incident ma kienx isehh, u huwa mmaterjali ghal tali ness ta' kazwalita' tal-incident *de quo* l-i*speed* li kien ghaddej bih l-istess Emmanuel Montanaro, li bhala fatt lanqas gie ppruvat li kien ghaddej bi *speed* eccessiv, anke tenut kont tal-fatt li 10 *metre brake mark* ma jindikax hlief *speed* ta' cirka 50 k.m. fis-siegha li huwa l-limitu

ta' sewqan f'*built up areas* skond il-paragrafu 105 tal-*Highway Code.*

Illi in kwantu jirrigwarda s-sewwieq Emmanuel Montanaro, li kellu d-dritta ghaliex kien ghaddej minn St. Anthony Street, li hija ukoll *main road vis a vis* St. Joseph Street, kif indikat ukoll mis-sinjalitika fl-istess toroq, ma hemm xejn fis-sewqan tieghu li din il-Qorti thoss li ikkontribwixxa ghall-kawza tal-istess incident, anzi jidher li l-istess attur iffacjat bil-hrug f'daqqa tal-istess konvenut kien rinfaccjat b'*sudden emergency* u *in the agony of collission,* kif jirrizulta anke mill-iskizz a fol. 37 tal-process, huwa ipprova jevita l-impatt kemm bl-applikazzjoni tal-*brakes* kif ukoll billi ipprova jiehu l-karozza li kienet qed isuq fuq il-lemin, dan kollu biex jevita l-vettura tal-konvenut li kienet imblukkatlu ghal kollox il-karreggjata tieghu, izda dan kollu ma sewa ghal xejn, ghaliex l-kollizzjoni xorta sehhet.

Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal fis-sentenza **"Paul Deguara vs Raymond Chilton"** mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 1988 (LXXII.ii.181) u cioe':-

*"Fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra errata li ghamel, l-attur* (f'dan il-kaz il-konvenut) *ikkrea "a sudden emergency" lill-konvenut (*f'dan il-kaz lill-assigurat tas-socjeta' attrici) *li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' "evasive action". Din il-Qorti ga' kellha okkazzjoni ohra fejn ippronunzjat ruhha f'kaz*

*simili dwar l-implikazzjonijiet legali nvoluti (ara* ***"John Debattista vs Maria Theresa Vella et"*** *deciza min din il-Qorti fit-2 ta' Novembru 1987). Inutili li wiehed joqghod jghid kif imissha rreagixxiet persuna li kienet involuta f'kollizzjoni meta tkun rinfaccjata b' "sudden emergency" ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirreagixxi l-istess fl-istess cirkostanzi. F'dan il-kaz, wiehed jista' jghid li, kieku ma kienitx il-manuvra errata tal-(konvenut) il-kollizzjoni ma kienitx issir. Hekk insibu fil-"Manual of Motor Vehicle Law" (Horsely and Foster p. 120) "If the driver outs the corner and confronts another driver with the imminent prospect of a collision he cannot complain if that other adopts an unwise manouvre in attempting to avoid it" (Ara wkoll Bingham's Motor Claims Cases pages 33,34). Li gara f'dan il-kaz huwa li s-sewqan hazin tal-*konvenut *ikkrea sitwazzjoni tali li s-sewwieq l-iehor ma setghax jevita l-habta bl-evasive action li ha.".*

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti il-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli tal-istess incident, u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

## <u>III. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.</u>

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta' Anthony Savona moghtija fil-21 ta' Jannar 2000 a fol.

28 tal-process fejn hemm gie spejgat kif l-istess socjeta' attrici waslet ghall-ammont minnha pretiz fic-citazzjoni attrici ta' Lm2,054.70, fejn jirrizulta li l-karozza tal-assigurat taghha kienet *total loss* u l-valur taghha flimkien mal-ispejjez tal-*claim,* elenkati a fol. 30 tal-process kien jammonta ghall-Lm2,754.70, li minnhom tnaqqset is-somma ta' Lm700 prezz tar-*wreckage* li dahlet is-socjeta' attrici.

Illi dwar l-ammont ta' danni ma hemm l-ebda kontestazzjoni u dan huwa anke rifless fil-verbal tad-difensuri tal-partijiet datat 22 ta' Marzu 2001 li qed issir referenza ghalih u ghalhekk l-ammont ta' danni li qed jigi likwidat huwa dak ta' elfejn, erbgha u hamsin lira u sebghin centezmu (Lm2,054.70).

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li din il-kollizzjoni grat b'tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, traskuragini, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut; u

(2) Tillikwida id-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' elfejn, u erbgha u hamsin lira u sebghin centezmu (Lm2,054.70) ;

(3) Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur nomine s-somma ta' elfejn, u erbgha u hamsin lira u sebghin centezmu (Lm2,054.70) hawn fuq indikata li giet hekk likwidata in linea ta' danni, kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fis-27 ta' Marzu 1998 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta' assiguratrici tal-konvenut u dawk tal-ittra legali kontra l-konvenut tat-3 ta' Marzu 1997, kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' April 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**26 ta' April 2001**